KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 50** **IS-SITT KUNSILL**

Il-ħamsin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2011** fis-5.45 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, il-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nicolai Gauci, J. Galea u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillier imsemmi bħala raġonevoli.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi

*Assistant Principal* Stefania Friggieri

Il-Perit David Vassallo

Is-Sindku ppresediet.

**50.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Minuti**

**Minuti tas-seduta 47 datati 20 ta' Settembru, 2011**

50.1.1 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 47 datati 20 ta' Settembru, 2011.

***Il-Kunsillier J. Galea daħal għas-Seduta fis-5.47 ta' filgħaxija.***

*50.1.1.1* Il-Kunsillier Y. Cali rrimirka dwar il-proġett li kellu jipproponi. Qal li ma ressaqx il-proġett fis-Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011 għaliex ma saritx. Ġie nnotat li s-Seduta tas-6 ta' Ottubru 2011 filfatt saret u li waqt is-Seduta kurrenti kienu se jittelgħu l-minuti tas-Seduta 49 ad hoc datata 6 ta' Ottubru, 2011 biex jkunu kkunsidrati u approvati f'din is-seduta mill-Kunsill. Kien innutat ukoll li dan is-sett ta' minuti kien intbagħat lill-Kunsilliera mal-korrispondenza li permezz tagħha l-Kunsilliera kienu gew innotifikati bis-Seduta tal-lum 18 ta' Ottubru, 2011.

*50.1.1.2* Il-Kunsillier M. Debono irrimarka dwar punt 47.3.4 fejn qal li hu ma jaqbilx ma dak li nkitteb dwar l-Outlook fil-fatt qal li ~~għandu *tape recorder* u~~ jista' jagħmel *transcript* ta' dak li intqal dwar dan il-punt fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2011.

*50.1.1.3* Il-Viċi Sindku qal li hu ma laħaqx qara l-minuti u għalhekk ma jixtieqx li jiġu approvati illum mingħajr ma jkun qrahom biex ikun cert li ma jkunx approva minuti li jkollom l-iżbalji fihom.

*50.1.1.4* Minħabba li ma kienx hemm qbil dwar il-paragrafu 47.3.4 is-Sindku qrat dan il-paragrafu. Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dan is-sett minuti kien intbagħat fl-aħħar ta' Settembru u li għaldaqstant il-Kunsilliera kellhom żmien biżżejjed biex jaqraw dan is-sett minuti. Qalet li iktar ma jgħaddi żmien iktar il-Kunsill se jkollu minuti x'japprova fis-seduta li jmiss. Fakkret li din il-problema kienet ġiet diskussa diversi drabi u qalet li l-Kunsilliera stess kienu konxji tal-fatt li l-minuti qegħdin jinġemgħu u dejjem ikun hemm lista ta' minuti x' jiġu approvati waqt seduta tal-Kunsill. Qalet ukoll li jekk ma jiġux approvati t-tlett settijiet minuti li kienu qeghdin jigu pprezentati waqt is-seduta tal-lum ikun ifisser li fis-Seduta li jmiss se jkun hemm ta' l-anqas erba' settijiet ta' minuti x'jiġu approvati.

*50.1.1.5* Il-Viċi Sindku ippropona li: "Il-minuti tas-Seduta 47 *ad hoc* (20 ta' Settembru, 2011), tas-Seduta 48 (30 ta' Settembru, 2011) u tas-Seduta 49 *ad hoc* (6 ta' Ottubru 2011) jiġu approvati fis-seduta li jmiss għaliex jidher li mhux kulħadd qara l-minuti u għaliex id-darba l-oħra kien hemm xi żbalji". Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, Y. Cali, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur. Is-Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri u J. Galea ivvotaw kontra. Din il-mozzjoni għaddiet b'sitt (6) voti favur.

**50.2 Materji konnessi mal-Minuti**

50.2.1 Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan l-item jiġi pospost għal Seduta oħra meta jiġu diskussi l-minuti.

**50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.3.1 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza bin-numru 8747 mill-Perit tal-Kunsill D. Vassallo. Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibgħuta mill-Perit Vassallo. Qalet li flimien ma' din il-korrispondenza il-Perit Vassallo bagħat ukoll abboz ta' *specifications* għall-*Expression of Interest* għall-parkeġġ (Dok "A" mehmuż ma' dan il-minuti).

***Il-Kunsillier N. Gauci daħal għas-Seduta fis-6.04 ta' filgħaxija.***

*50.3.1.1* Is-Sindku spjegat li l-Kunsill kien talab *specifications* għall-*Expression of Interest* għall-parkeġġ f'Settembru tas-sena l-oħra.

***Fuq proposta tas-Sindku s-Seduta ġiet sospiża fis-6.05 ta' filgħaxija għaliex daħal il-Perit tal-Kunsill li ta spjegazzjoni ta' kif inkiteb l-"Expression of Interest".***

**Is-Seduta tkompliet fis-6.14 ta' filgħaxija.**

*50.3.1.2* Is-Sindku qrat id-dokument tal-*Expression of Interest* għall-parkeġġ.

*50.3.1.3* Il-Kunsilliera preżenti b'mod unanimu qablu li l-ispazju għall-parkeġġ għandu jkun ta' minimu ta' għoxrin spazju.

*50.3.1.4* Ġie diskuss il-perjodu li għandu japplika f'punt 3.7. tad-dokument (*Expression of Interest for parking in the locality of Tas-Sliema*). Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li l-kliem għandu jinbidel għal "the minimum period is of one year/a maximum indefinite period of time".

*50.3.1.5* Kien hemm diskussjoni dwar il-punt 3.8 "*Financial proposal*". Il-Kunsillier M. Debono qal li "*Financial proposal*" tiswa ħafna flus.

*50.3.1.6* Is-Sindku pproponiet li l-punt 3.6 jinbidel għal "*the financial arrangement (form and amount) that is being proposed by the applicant (sale/lease)*" waqt li punt 3.8 għandu jitħassar. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti dwar dan.

*50.3.1.7* Il-Kunsilliera S. Camilleri qalet li għandhom jinbiddlu n-numri għas-sezzjoni 4 "*Submission requirements*."

50.3.1.8 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jidher avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru, 2011 li jirreklama l-*Expression of Interest.* Il-Kunsill qabel ukoll li din is-sejħa tagħlaq fit-22 ta' Novembru, 2011 fit-3 ta' wara nofsinhar.

50.3.1.9 Kien hemm qbil ukoll li jidhru l-avviżi f'gazzetti lokali oħra. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill għandux iġib kwotazzjoni biex ikun jaf kemm se jigi jiswa l-avviż. Il-Kunsillier Y. Cali qal li m'hemmx għalfejn jintalbu kwotazzjonijiet għaliex il-prezzijiet tal-gazzetti huma *standard* skont ir-*rate card* tagħhom.

50.3.1.10 Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti mal-proposta tal-Kunsillier N. Gauci li l-avviż jidher fil-gazzetta *The Times* nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2011, fil-gazzetta *The Sunday Times* nhar il-Ħadd 30 ta' Ottubru, 2011 u fil-gazzetta *The Malta Independent* ta' nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2011 u l-Erbgħa 2 ta' Novembru, 2011. Dwar l-avviż fil-gazzetta *The Times* il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-avviz għandu jkun kif gej: "*10cm on 2 columns; black and white; no surcharge to be paid* (għaldaqstant l-avviż għandu jidher fil-pagna assenjata mill-gazzetta); *not to feature in the classified pages.*"

***Il-Kunsillier E. Cuschieri ġie skużat li joħrog mis-Seduta fis-6.40 ta' filgħaxija.***

50.3.1.11 Is-Sindku pproponiet li d-dokument "*Expression of Interest for parking in the locality of Tas-Sliema*" għandu jkun ppubblikat bl-emendi kif maqbula, waqt li l-avviż biex jirreklama din is-sejħa għandu jkun ippubblikat skont id-dati maqbula. Il-Viċi Sindku issekonda. Is-Sindku, Il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, Y. Cali, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

50.3.1.12 Il-Perit ingħata kopja tad-dokument kif emendat waqt is-seduta, liema dokument għandu jkun rivedut minnu u mibgħut lill-Ufficcju Amministrattiv biex ikun jista' jigi ppublikat.

50.3.1.13 F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsillier N. Gauci qal li xtaq jiskuża ruħu mal-Kunsillier Y. Cali ta' xi kliem li qallu fl-aħħar seduta.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri daħal lura għas-Seduta fis-6.45 ta' filgħaxija.***

***Is-Seduta ġiet sospiża fis-6.45 ta' filgħaxija fuq talba tal-Kunsillier E. Cuschieri.***
***Is-Seduta kompliet fis-6.50 ta' filgħaxija.***

50.3.2 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza bin-numru 8743 oħra mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill D. Vassallo kif mitlub mill-Kunsill f'seduta preċedenti dwar l-istat tal-pont fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Is-Sindku qrat il-korrispondenza tal-Perit li kien qed jistima li x-

*shoring* jista' jiġi jiswa mat-€12,000. Is-Sindku pproponiet li r-rapport mil-Perit tal-Kunsill dwar *shoring* għandu jintbgħat lid-DLG fejn id-Dipartiment għandu jkun mistoqsi jekk il-Kunsill jistax jingħata direzzjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

50.3.3 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand l-Avukata tal-Kunsill dwar il-kliem li għandu jidher fuq tabelli tat-toroq biex jindikaw li l-pont huwa ta' periklu. Kien hemm diskussjoni fit-tul dwar il-kliem li għandu jintgħażel. Is-Sindku pproponiet li l-kliem li għandu jidher fuq it-tabella għandu jkun: "Proceed with caution due to falling stones". Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Is-Sindku, Il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

*50.3.3.1* Il-Kunsill b'mod unanimu qabel ukoll li għandhom jitwaħħlu żewġ sinjali oħra "No Heavy Vehicles" fejn waħda titwaħħal fi Triq it-Torri ma' Triq il-Kulleġġ l-Antik u l-oħra Triq Depiro ma' Triq Sant'Injazju.

*50.3.3.2* Is-Sindku fakkret li l-kuntratt li l-Kunsill kellu mal-MSD kien skada u li l-Kunsill kien għadu qed jistenna gwida mid-Dipartiment. Kien hemm diskussjoni fit-tul dwar il-bzonn li jkunu ordnati t-tabelli mill-aktar fis minħabba kwistjoni ta' periklu.

*50.3.3.3* Is-Sindku pproponiet li t-tabelli "Proceed with caution due to falling stones" kif ukoll "No Heavy Vehicles" jiġu ordnati mingħand l-MSD minħabba li huma ta' natura urġenti kif ukoll minħabba li l-Kunsill kien diġa kiteb lid-DLG biex jingħata estensjoni ta' dan il-kuntratt sakemm toħroġ is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Is-Sindku, Il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

50.3.4 F'dan l-istadju l-Kunsill reġa beda jiddiskuti l-possibilita ta' *shoring* mal-pont fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Il-Kunsill iddiskuta l-urġenza tax-xogħol li hemm bżonn isir sabiex jiġi assikurat li l-pont ma jkunx ta' periklu kemm għal pedonali kif ukoll għas-sewwieqa. Kien innutat li l-ispiza biex isir ix-shoring setgħet tlaħħaq it-€12,000. Saret diskussjoni dwar jekk il-Kunsill għandux joħroġ sejħa pubblika għal kwotazzjoni jew għal offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kunsill li dan l-ammont jaqbez il-limitu ta' kwotazzjoni u li għaldaqstant għandha toħroġ sejħa għall-offerti. Il-Perit tal-Kunsill tah il-parir biex il-Kunsill jistaqsi lid-DLG għall-permess speċjali biex minnflok tinħareġ sejħa pubblika għal offerti tinħareġ sejħa għal kwotazzjoni minħabba li dan ix-xogħol huwa ta' natura urġenti. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill għandu jistaqsi lid-DLG għal permess biex tinħareġ kwotazzjoni għal servizz ta' *shoring* minflok tinħareġ sejħa għal offerti. .

50.3.5 Il-Kunsillier Y. Cali ta' spjegazzjoni u ippreżenta dokument tal-proposta tiegħu dwar il-proġett '*The Globe – Europe's Southernmost Marker*' biex il-Kunsill ikun jista japplika biex iwettaq dan il-proġett taħt Memo 87/2011. Il-Kunsillier Cali spjega li l-Kunsill għandu jitlob il-ammont massimu f'fondi taħt din l-iskema. Qal li l-bqija tal-finanzjament ta' dan il-proġett jista' jinkiseb minn *sponsorships*. Il-Kunsillier Cali ppropona li l-Kunsill japplika taħt Memo 87/2011 bil-proġett '*The Globe – Europe's Southernmost Marker*'. Il-Kunsillier M. Debono issekonda. Is-Sindku, Il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

*50.3.5.1* Ġie nnotat li l-Perit tal-Kunsill kien għadu preżenti u għaldaqstant ingħata d-dokument ipprezentat mill-Kunsillier Cali biex ikun jista' japplika mal-MEPA, il-Lands u t-TM. Kien hemm qbil ukoll li flimkien mal-proposta tal-proġett il-Perit tal-Kunsill jikteb ittra kif indikat fil-Memo 87/2011 dwar l-istadju tal-applikazzjoni mal-MEPA, il-Lands u TM.

50.3.6 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill varji irregolaritajiet li kienu ġew elenkati waqt laqgħa msejħa mit-TM mal-Kunsill Lokali Tas-Sliema. Fost dawn l-irregolaritajiet kienu nnutati fost oħrajn *reserved parking bays*, kaxxi oħra u *bollards*.

*50.3.6.1* Is-Sindku qalet li hi ma ssibx oġġezzjoni għal *clean sweep* ta' affarijiet irregolari. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti li waqt l-istess meeting hi kienet ġiet mistoqsja mis-Sur Josie Brincat (TM) jekk il-Kunsill għandux iwettaq ix-xogħol hu jew inkella għandux isir mit-TM stess. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi taqbel li jitneħħa dak kollu li hu irregolari mingħajr eccezzjoni. Il-Kunsilliera M. Debono u J.Galea qalu li huwa importanti li dak kollu li huwa irregolari u mhux approvat mit-TM għandu jitneħħa.

*50.3.6.2* Waqt id-diskussjoni kien innotat li l-*bollards* li l-Kunsill kien neħħa minn Triq Ġużè Cardona reġgħu twaħħlu.

*50.3.6.3* Il-Kunsillier N. Gauci ppropona li għandha ssir *follow up* tal-irregolaritajiet li jkunu qegħdin jitneħħew mit-TM u qal li t-TM għandha żżomm lill-Kunsill infurmat biex meta dawn jitneħħew il-Kunsill ikun jaf f'każ li jkun hemm xi ħadd li jerġa jiżbogħ xi marki fit-toroq jew iwaħħal xi *bollard*. Kien hemm qbil dwar dan.

*50.3.6.4* Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet kopja tal-komunikazzjoni mit-TM dwar irregolaritajiet f'Tas-Sliema. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat kopja lill-Kunsilliera kollha.

*50.3.6.5* Is-Sindku ppropioniet li t-TM għandha tneħħi l-irregolaritajiet kollha hi stess minħabba li l-kuntratt mal-MSD kien skada u li l-ispiża biex jitneħħew dawn l-irregolaritajiet għandha titnaqqas mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssekonda. Is-Sindku, Il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri astjeniet.

50.3.7 Il-Kunsilliera S. Camilleri ġibdet l-attenzjoni ~~dwar il-parkeġġ irregolari ħdejn il-Lukanda Plevna. Il-Kunsill għandu jivverifika mat-TM.~~ li qed tistenna mingħand is-Segretarju Eżekuttiv dwar kif imxiet il-parkeġġ quddiem il-Plevna.

***Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-7.38 ta' filgħaxija.***

50.3.8 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill kopja tal-*ispecifications* tas-sejħa tal-offerti għal *maintenance* tas-*soft areas* u tal-ġonna mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill dakinhar tas-Seduta. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat kopja ta' dawn l-*ispecifications* permezz tal-posta elettronika u li dawn għandhom jerġgħu jiġu diskussi mill-Kunsill.

50.3.9 Is-Sindku fakkret li l-Perit tal-Kunsill għad irid jagħti l-*ispecifactions* lill-Kunsill biex tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti ta' *road signs* u *road markings*. Waqt is-seduta l-Perit tal-Kunsill informa lill-Kunsill li t-TM kienet qegħda taħdem biex jiddaħħlu *standards* fuq *road signs* u *road markings*. Huwa qal li l-process għandu jintemm fi zmien ġimgħatejn. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna li dan il-process ikun finalizzat qabel ma jippubblika s-sejħa għall-offerti biex din tkun tirrifletti dawn l-*istandards*.

50.3.10 Il-Kunsillier M. Debono talab għal spjegazzjoni dwar x'ġara aktar kmieni wara nofsinhar waqt il-ftuħ tal-envelopes li kienu mitfugħa minn offerenti wara sejħa tal-Kunsill għal offerti għat-tizjin bi dwal fit-toroq għal zmien il-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ta' x'ġara. Ġie nnotat li filwaqt li l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern kien jaqra li l-offerti għandhom jintefgħu sat-3 ta' wara nofsinnhar, fuq id-dokument li ngħata lill-pubbliku bi zvista kien hemm miktub li l-offerti jistgħu jintefgħu sat-3.30 ta' wara nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet gwida mid-Dipartiment minħabba dan l-iżball genwin. Hija kienet infurmata verbalment mid-Direttur li t-*tenders* għandhom jiġu ssiġilati u li s-sejħa għall-offerti kienet nulla u li trid terġa' tinħareġ sejħa oħar mill-ġdid. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jitlob gwida mid-DLG bil-miktub u li malli l-Kunsill jingħata din ir-risposta tissejjaħ laqgħa oħra urġenti biex il-Kunsill jiddeċiedi dwar il-pjan ta' azzjoni. Il-Viċi Sindku issekonda. Is-Sindku, Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono astjenew.

50.3.11 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mis-Sur Joe Tabone (DLG) għal mistoqsija tal-Kunsill dwar jekk id-DLG kienx se jipprovdi d-dokument li għandu jkun

ippubblikat mill-Kunsill meta toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-ġbir tal-iskart imħallat. Ġie nnotat lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt għall-ġbir tal-iskart imħallat li ġie mogħti lill-kumpanija *Saviour Mifsud and Sons* se jiskadi f'Novembru, 2011 għaliex dan kellu jkun għall-erba' xhur biss sakemm jinħareġ it-*tender* għal erba' snin. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li d-dokument ma kienx se jkun provdut. Minħabba li fl-ittra mibgħuta mis-Sur Tabone kienet imsemmija l-kelma 'M.E.A.T' cioe s-sistema li kienet intużat biex jiġi aġġudikat it-*tender* kurrenti, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jitlob gwida bil-miktub mid-DLG dwar jekk għandiex tintuża is-sistema 'M.E.A.T' fl-aġġudikazzjoni tat-*tender* il-ġdid.

50.3.12 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza varja minn membri tal-pubbliku li kienu qed jistaqsu mistoqsijiet dwar ir-*request for information* għad-diżinn ta' materjal stampat tal-Kunsill u ta' sit elettroniku. Il-Kunsillier Y. Cali qal li ma jiftakarx li l-Kunsill kien talab għal dan għaliex is-sit elettroniku kien diġa tlesta u kien imwaqqaf mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-gwida li ngħatatilha mid-DLG is-sena precedenti kienet li jitwaqqfu certu progetti minħabba l-investigazzjoni li kienet bdiet mid-Dipartiment. Il-Kunsillier J. Galea qal li l-Kunsill kien iddiskuta l-possibilta ta' branding tal-Kunsill fuq il-mezzi kollha li bihom jikkomunika mal-pubbliku u li kien talab informazzjoni dwar il-possibilta ta' disinn għal materjal u l-mezzi indikati f'din is-sejħa għal informazzjoni.

*Il-Kunsillier Y. Cali ħareġ mis-seduta fit-8.15 ta' filgħaxija.*
*Il-Kunsilliera M. Debono u S. Camilleri ħarġu wkoll mis-seduta fit-8.15 ta' filgħaxija.*

**Peress li ma kienx hemm kworum is-seduta kellha tieqaf fit-8.15 ta' filgħaxija.**

Is-Sindku fakkret li kien għad hemm ħafna korrispondenza li ma kinitx ġiet diskussa.

**Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ....1.... ta' ....Novembru.... 2011.
(jum) (data) (xahar)